

EBA/GL/2016/05

07/11/2016

Linji Gwida

dwar il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-awditur(i) statutorju/statutorji u d-ditta/ditti tal-awditjar li jwettqu l-awditjar statutorju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 09.01.2017. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2016/05'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni, destinatari u definizzjonijiet

2.1 Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispesifikaw, skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 537/2014, ir-rekwiżiti għall-istabbiliment ta' djalogu effettiv bejn, minn naħa, l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu (minn hawn 'il quddiem 'awtoritajiet kompetenti' u 'istituzzjonijiet ta' kreditu', rispettivament), u l-awditur(i) statutorju/statutorji ta' dawk l-istituzzjonijiet, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem 'awdituri').
6. L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa li jiffaċilitaw il-kompitu ta' superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu permezz tal-promozzjoni ta' komunikazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri.

2.2 Kamp ta' applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri fir-rwol tagħhom ta' sorveljanza u twettiq, rispettivament, tal-awditjar statutorju ta' dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu.
8. Dawn il-linji gwida jirreferu b'mod partikolari għall-komunikazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awditur jew grupp ta' awdituri ta' istituzzjoni ta' kreditu (komunikazzjoni speċifika għall-istituzzjoni, kif deskritt fis-Sezzjoni 5), u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri b'mod kollettiv (komunikazzjoni kollettiva, kif deskritta fis-Sezzjoni 6).
9. Dawn il-linji gwida huma mingħajr preġudizzju għad-'dmir ta' rappurtar' tal-awditur, stipulat fl-Artikolu 63(1) tad-Direttiva 2013/36/UE ³ u l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) Nru 537/2014.

2.3 Destinatari

10. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

² Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77).

³ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

2.4 Definizzjonijiet

11. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2006/43/EC⁴, fir-Regolament (UE) Nru 537/2014 u fid-Direttiva 2013/36/UE għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Komunikazzjoni dettaljata			Il-komunikazzjoni li sseħħ fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafi 22 u 23, fuq bażi aktar spissa, formalizzata u/jew dokumentata, sabiex jinkiseb aktar għarfien dwar istituzzjoni ta' kreditu meta jiġi applikat jew ikun meħtieġ sforz akbar ta' sorveljanza.
Informazzjoni materjali			Informazzjoni miksuba matul is-sorveljanza jew l-awditjar statutorju ta' istituzzjoni ta' kreditu li tista' tibdel jew tinfluwenza l-valutazzjoni jew id-deċiżjoni ta' awtorità kompetenti jew ta' awditur li jkunu qegħdin jiddependu fuq dik l-informazzjoni sabiex jeżerċitaw il-kompiti rispettivi tagħhom.
Informazzjoni istituzzjoni	speċifika	għall-	Informazzjoni dwar istituzzjoni ta' kreditu individwali.
Informazzjoni industrija	speċifika	għall-	Informazzjoni li tirrigwarda l-industrija tal-istituzzjoni ta' kreditu kollha kemm hi jew parti minn dik l-industrija.
Individwu tal-esperjenza			Persuna li taħdem għall-awtorità kompetenti jew għall-awditur li għandha l-għarfien tekniku, il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa relatati ma' kwistjoni partikolari li tkun qiegħda tiġi diskussa.
Individwu informat			Persuna li taħdem għall-awtorità kompetenti jew għall-awditur li għandha informazzjoni suffiċjenti u aġġornata dwar il-profil tar-riskju, id-daqs u l-kumplessità tal-operazzjonijiet ta' istituzzjoni ta' kreditu u relatata ma' kwistjoni partikolari li tkun qiegħda tiġi diskussa.

⁴ Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87).

Individwu awtorizzat	Persuna li taħdem għall-awtorità kompetenti jew għall-awditur li għandha l-awtorità legali sabiex tagħxi f'isem l-organizzazzjoni tagħha biex tkun tista' taqşam informazzjoni u, fejn meħtiegħ, tiegħu d-deċiżjonijiet xierqa rigward kwistjoni partikolari li tkun qiegħda tiġi diskussa.
Kap tat-tim ta' sorveljanza	Membru tal-persunal tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-organizzazzjoni u l-koordinazzjoni tax-xogħol fit-tim ta' sorveljanza involut fis-superviżjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu.
Laqgħa bilaterali	Laqgħa bejn l-awtorità kompetenti u l-awditur ta' istituzzjoni ta' kreditu.
Laqgħa trilaterali	Laqgħa bejn l-awtorità kompetenti, l-awditur u l-istituzzjoni ta' kreditu.

3. Implimentazzjoni

Data tal-applikazzjoni

12. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-31 ta' Marzu 2017.

4. Qafas ġenerali tal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri

13. L-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri huma t-tnejn responsabbli għall-istabbiliment ta' komunikazzjoni effettiva bejniethom skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) Nru 537/2014.
14. Il-komunikazzjoni li trid tiġi stabbilita bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri għandha tkun miftuħa u kostruttiva, kif ukoll adattabbli għal żviluppi futuri mhux mistennija.
15. L-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri għandhom jistabbilixxu proċessi adegwati u jkunu konxji dwarhom sabiex jibnu u jiżguraw komunikazzjoni effettiva.
16. L-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' fehim reċiproku tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.
17. Il-partijiet għandhom iwettqu r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom u parti m'għandhiex tuża x-xogħol tal-oħra minflok ix-xogħol tagħha stess. L-istituzzjoni ta' kreditu sorveljata għandha tibqa' s-sors ewlieni ta' informazzjoni għax-xogħol tal-partijiet.
18. Komunikazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri għandha tiffaċilita l-qsim tal-informazzjoni dwar l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun rilevanti għall-funzjonijiet rispettivi tal-awtoritajiet kompetenti u tal-awdituri. Il-qsim tal-informazzjoni għandu jieħu inkunsiderazzjoni r-responsabbiltajiet differenti tal-awtoritajiet kompetenti u tal-awdituri, li ġejjin mill-kamp u l-iskop differenti tal-funzjonijiet tagħhom.
19. Kwalunkwe informazzjoni kondiviża waqt il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri hija soġġetta għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità stipulati fis-Sezzjoni II tal-Kapitolu 1 fit-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE u l-iżvelar in bona fide lill-awtoritajiet kompetenti mill-awdituri ta' kwalunkwe informazzjoni li toħroġ waqt din il-komunikazzjoni mhijiex ksur ta' xi restrizzjoni kuntrattwali jew legali dwar l-iżvelar ta' informazzjoni skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) Nru 537/2014.
20. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw approċċ proporzjonat fil-komunikazzjoni tagħhom mal-awdituri u jużaw ir-riżorsi tagħhom b'mod effiċjenti sabiex jistabbilixxu komunikazzjoni effettiva.
21. Approċċ proporzjonat għall-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida għandu l-għan li jallinja l-elementi tal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri kif imsemmi fis-

Sezzjonijiet 5 u 6 ta' dawn il-linji gwida (il-kamp ta' informazzjoni kondiviża, il-forma ta' komunikazzjoni, il-parteċipanti fil-komunikazzjoni, il-frekwenza u l-waqt tal-komunikazzjoni, il-komunikazzjoni mal-awdituri b'mod kollettiv) mad-daqs tal-istituzzjoni ta' kreditu, l-organizzazzjoni u n-natura interna, il-kamp u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha, biex l-għan ta' dawn il-linji gwida jintlaħaq b'mod effiċjenti.

22. B'mod partikolari, għandu jkun hemm komunikazzjoni fil-fond mal-awdituri tal-istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE (istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (global systemically important institutions - G-SIIs))⁵ u istituzzjonijiet oħrajn sistemikament importanti (other systemically important institutions - O-SIIs)⁶ u istituzzjonijiet oħrajn deċiżi mill-awtoritajiet kompetenti abbażi ta' valutazzjoni tad-daqs u l-organizzazzjoni interna tal-istituzzjoni ta' kreditu u n-natura, il-kamp u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħha.
23. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw kontinwament jekk hemmx bżonn li tiġi applikata komunikazzjoni fil-fond mal-awditur ta' kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu minħabba kwistjonijiet ad hoc jew emerġenti, bħal pereżempju:
- sejbiet sinifikanti reċenti mill-valutazzjoni ta' sorveljanza jew mill-awditjar statutorju
 - żviluppi reċenti li jistgħu jibdlu l-valutazzjoni tar-riskju jew il-livell ta' sforz ta' sorveljanza applikat għall-istituzzjoni ta' kreditu
 - bidla fl-awditur li jingħata biex jagħmel l-awditjar statutorju ta' istituzzjoni ta' kreditu (inklużi każijiet meta awditur ġdid jidħol fis-suq għall-awditjar statutorju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu)
 - it-tkeċċija jew ir-riżenja tal-awditur waqt l-inkarigu ta' awditjar.

⁵ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1222/2014 tat-8 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-ispeċifikazzjoni tal-metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti u għad-definizzjoni ta' subkategoriji ta' istituzzjonijiet globali sistemikament importanti (ĠU L 330, 15.11.14, p. 27).

⁶ Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-kriterji biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 131(3) tad-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tal-valutazzjoni ta' istituzzjonijiet oħrajn sistemikament importanti (O-SIIs) (EBA/GL/2014/10).

5. Il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri ta' istituzzjoni ta' kreditu

Kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni kondiviża

Prinċipju 1: L-informazzjoni kondiviża għandha tkun rilevanti għall-kompiti taż-żewġ partijiet waqt li jikkunsidraw il-materjalità tal-informazzjoni.

24. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw f'kollaborazzjoni mal-awdituri l-oqsma ta' interess komuni għall-awtoritajiet kompetenti u għall-awdituri, fejn il-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti tista' tiffaċilita l-kompitu ta' sorveljanza u possibbilment ikollha impatt fuq l-awditjar statutorju.
25. Meta jikkunsidraw liema informazzjoni għandhom jaqsmu bejniethom, għandha tingħata kunsiderazzjoni dovuta lill-materjalità tal-informazzjoni, inkluż il-kobor u l-impatt possibbli fuq is-sorveljanza u l-awditjar statutorju tal-istituzzjoni ta' kreditu.
26. L-informazzjoni li għandha tkun kondiviża tista' tkun:
 - a. speċifika għall-istituzzjoni
 - b. speċifika għall-industrija
 - c. kwistjonijiet attwali
 - d. kwistjonijiet emerġenti.
27. L-Anness għal dawn il-linji gwida jipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' oqsma u kwistjonijiet li fuqhom l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri jistgħu jikkondividu informazzjoni.
28. Biex tgħin fil-komunikazzjoni effettiva u l-qsim tal-informazzjoni, u meta tkun tista' ssir, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iħejju lista ta' kwistjonijiet għad-diskussjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw mal-awdituri dwar l-adegwatezza ta' din il-lista qabel isseħħ il-komunikazzjoni u jhegġgħom jikkontribwixxu għaliha.

Prinċipju 2: L-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-awdituri jikkondividu informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni li hija rilevanti għas-sorveljanza tal-istituzzjoni ta' kreditu.

29. L-informazzjoni mitluba tista' tinkludi informazzjoni relatata mal-proċeduri tal-awditjar imwettqa, evidenza ta' awditjar rilevanti miksuba u l-konklużjonijiet tal-awdituri, kull meta, fil-fehma tal-awtorità kompetenti, tali informazzjoni tista' tiffaċilita l-eżerċitar tal-kompiti ta' sorveljanza.
30. Informazzjoni rilevanti hija informazzjoni u għarfien miksuba fl-awditjar statutorju u li jirrigwardaw, iżda mhux biss, l-oqsma li ġejjin u li huma deskritti f'aktar dettall fl-Anness għal dawn il-linji gwida b'lista mhux eżawrjenti ta' kwistjonijiet taħt kull wieħed minnhom:
- a. L-ambjent estern u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu
 - b. Governanza korporattiva u kontrolli interni
 - c. Il-kapaċità tal-istituzzjoni ta' kreditu li tkompli bħala negozju avvjat
 - d. Approċċ tal-awditjar
 - e. Dikjarazzjonijiet finanzjarji, stima tal-assi u l-obbligazzjonijiet u d-divulgazzjonijiet
 - f. Ir-rapport tal-awditjar u l-komunikazzjoni tal-awdituri mal-korp maniġerjali, il-maniġment għoli jew il-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjoni ta' kreditu, jew ma' korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu, dwar kwistjonijiet sinifikanti relatati mar-rapportar finanzjarju u l-funzjonijiet ta' kontroll
 - g. Is-sejbiet ewlenin tal-proċeduri tal-awditjar imwettqa u l-konklużjonijiet.
31. Meta tiġi applikata komunikazzjoni fil-fond, l-awtoritajiet kompetenti għandhom tal-inqas jiddiskutu mal-awdituri, l-approċċ tal-awditjar, ir-rapport tal-awditjar u l-komunikazzjoni tal-awdituri mal-korp maniġerjali, il-maniġment għoli jew il-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjoni ta' kreditu, jew ma' korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu, dwar kwistjonijiet sinifikanti relatati mar-rapportar finanzjarju u l-funzjonijiet ta' kontroll, inklużi r-rapport tal-awditjar u r-rapport addizzjonali lill-kumitat tal-awditjar imsemmija, rispettivament, fl-Artikoli 10 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 537/2014 u kif deskritti f'aktar dettall fl-Anness għal dawn il-linji gwida. B'mod partikolari, għad-diskussjoni tal-approċċ tal-awditjar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni kwalunkwe sejba jew konklużjoni mis-sorveljanza tal-istituzzjoni ta' kreditu.

Prinċipju 3: L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaqsmu informazzjoni mal-awdituri dwar kwistjonijiet li huma rilevanti għall-awditjar statutorju tal-istituzzjoni ta' kreditu.

32. Informazzjoni rilevanti li għandha tkun kondiviża bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri tinkludi kwistjonijiet li jinqalgħu waqt il-proċess ta' sorveljanza u li fil-fehma tal-awtorità kompetenti jistgħu jkunu rilevanti għall-awditjar statutorju tal-istituzzjoni ta' kreditu.
33. Informazzjoni rilevanti hija informazzjoni u għarfien li jitfaċċaw waqt il-proċess ta' sorveljanza u jirrigwardaw, iżda mhux biss, l-oqsma li ġejjin u li huma deskritti f'aktar dettall fl-Anness għal dawn il-linji gwida b'lista mhux eżawrjenti ta' kwistjonijiet taħt kull wieħed minnhom:
 - a. L-ambjent estern u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu
 - b. Governanza korporattiva u kontrolli interni
 - c. Il-kapaċità tal-istituzzjoni ta' kreditu li tkompli bħala negozju avvjat
 - d. Dikjarazzjonijiet finanzjarji, stima tal-assi u l-obbligazzjonijiet u d-divulgazzjonijiet
 - e. Valutazzjonijiet ta' sorveljanza u azzjonijiet.
34. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkomunikaw lill-awdituri kwalunkwe kwistjoni attwali jew emerġenti li taffettwa l-industrija tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, bħal bidliet fir-regolamentazzjoni jew żviluppi makroekonomiċi u riżultati ta' reviżjonijiet tematiċi u mill-pari li jsiru fl-industrija tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Forom ta' komunikazzjoni

Prinċipju 4: Komunikazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri għandha tkun stabbilita permezz ta' kanali ta' komunikazzjoni xierqa.

35. Il-forma ta' komunikazzjoni tista' tkun ikkategorizzata b'mod ġenerali bħala:
 - bil-miktub (pereżempju posta elettronika jew fax) u orali (pereżempju laqgħat fiżiċi jew telekomunikazzjoni, bħal telefonati)
 - regolari (pereżempju rapporti tal-awditjar) u ad hoc (pereżempju t-test ta' regolamenti ġodda).

36. Il-komunikazzjoni bil-miktub għandha tintuża f'każijiet fejn ikun meħtieġ li jkun hemm ċarezza jew biex jinżamm rekord tal-komunikazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-użu ta' komunikazzjoni bil-miktub meta l-komunikazzjoni tkun relatata ma' dan li ġej:
- Ir-rapport tal-awditjar u l-komunikazzjoni tal-awdituri mal-korp maniġerjali, il-maniġment għoli jew il-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjoni ta' kreditu, jew ma' korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu, dwar kwistjonijiet sinifikanti relatati mar-rappurtar finanzjarju u l-funzjonijiet ta' kontroll
 - Sejbiet u konklużjonijiet mill-proċeduri tal-awditjar imwettqa u proċessi ta' superviżjoni
 - Kwistjonijiet tekniċi kumplessi
 - Kwistjonijiet emerġenti
 - Bidliet fir-regolamenti.
37. Għandhom isiru laqgħat fiżiċi bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri sabiex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni miftuħa u effettiva, b'mod partikolari meta tiġi applikata komunikazzjoni fil-fond.

Parteċipanti fil-komunikazzjoni

Prinċipju 5: Il-parteċipanti fil-komunikazzjoni għandhom jinkludu individwi b'esperjenza, informati u awtorizzati miż-żewġ naħat.

38. Il-kap tat-tim ta' superviżjoni u l-imsieħeb ewlieni tal-awditjar għandhom ikunu l-parteċipanti ewlenin fil-komunikazzjoni.
39. F'każijiet fejn il-komunikazzjoni sseħħ bejn individwi oħrajn minbarra l-kap tat-tim ta' sorveljanza u l-imsieħeb ewlieni tal-awditjar, kemm il-kap tat-tim ta' sorveljanza u l-imsieħeb ewlieni tal-awditjar għandhom ikunu informati mill-partijiet rispettivi dwar il-kwistjonijiet diskussi u l-eżitu ta' tali komunikazzjoni mingħajr dewmien żejjed.
40. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-utilità tal-organizzazzjoni ta' laqgħat trilaterali, b'mod partikolari fejn tiġi applikata komunikazzjoni fil-fond. Fit-twettiq ta' din il-valutazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk:
- a. hemmx hteġa ta' kjarifiki mill-korp maniġerjali, il-maniġment għoli jew il-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjoni ta' kreditu, jew korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fl-istituzzjoni ta' kreditu, għal kwistjoni partikolari li għandha tiġi diskussa bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri

- b. hemmx ħtieġa ta' koordinazzjoni tal-azzjonijiet tal-awtorità kompetenti, l-awditur u l-istituzzjoni ta' kreditu.
41. Meta jiġu organizzati laqgħat trilaterali, dawn għandhom isiru minbarra kwalunkwe laqgħa bilaterali. Il-laqgħat trilaterali jistgħu jinkludu membri tal-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjoni ta' kreditu, awdituri interni, esperti dwar funzjonijiet ta' kontroll ewlenin rilevanti, jew membri tal-korp maniġerjali u l-maniġment għoli tal-istituzzjoni ta' kreditu skont il-ħtieġa.
42. Jekk fil-fehma tal-awtorità kompetenti jiffaċilita l-eżerċizzju ta' kompiti ta' sorveljanza, u soġġett għall-kundizzjonijiet ta' segretezza professjonali meħtieġa mil-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistiednu awtoritajiet pubbliċi oħrajn rilevanti (bħal dawk responsabbli għas-sorveljanza tas-swieq finanzjarji, is-sorveljanza pubblika tal-awdituri jew ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu) għal-laqgħat mal-awdituri jew jinformat lil dawn l-awtoritajiet dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet mal-awdituri.
43. Komunikazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri għandha tinkludi salvagwardji adegwati għall-kontinwità tal-komunikazzjoni irrispettivament mid-dawran tal-impjegati involuti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu r-rekords interni proprji tal-komunikazzjoni sabiex jiżguraw li s-suċċessuri tal-impjegati li qabel kellhom xi sehem fil-komunikazzjoni jkunu jistgħu jiksbu biżżejjed informazzjoni dwar il-komunikazzjoni li kienet saret fil-passat. Din l-informazzjoni tista' tinkludi:
- il-minuti tal-komunikazzjonijiet jew sommarju tal-minuti
 - il-kwistjonijiet prinċipali li ġew diskussi
 - il-konklużjonijiet tad-diskussjonijiet
 - azzjonijiet li jridu jittieħdu.

Il-frekwenza u l-waqt tal-komunikazzjoni

Prinċipju 6: Il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri għandha tkun daqstant frekwenti daqs kemm ikun meħtiegħ biex ikun hemm kondiviżjoni f'waqtha ta' informazzjoni rilevanti.

44. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu frekwenza u ħin xieraq għall-komunikazzjoni mal-awdituri li tippermetti kondiviżjoni f'waqtha ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet rilevanti identifikati waqt it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom.
45. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw mal-awdituri dwar l-adegwatezza tal-frekwenza u l-ħin tal-komunikazzjoni.

46. Il-komunikazzjoni tista' sseħħ waqt kwalunkwe fażi tal-proċessi ta' sorveljanza jew tal-proċessi tal-awditjar, inkluża waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:
- waqt it-tnejn u l-ippjanar tal-ispezzjonijiet ta' sorveljanza (fuq il-post jew barra l-post)
 - waqt it-twertiq ta' spezzjonijiet ta' sorveljanza (fuq il-post jew barra l-post)
 - wara li jitlestew l-ispezzjonijiet ta' sorveljanza (fuq il-post jew barra l-post)
 - waqt it-tnejn u l-ippjanar tal-awditjar statutorju
 - qabel l-iffirmar tar-rapport ta' awditjar
 - wara l-iffirmar tar-rapport ta' awditjar.
47. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw fuq bażi kontinwa jekk hemmx xi kwistjonijiet emerġenti li jeħtieġu li l-frekwenza u l-ħin tal-komunikazzjoni jinbidlu jew il-bidu tal-komunikazzjoni fuq bażi ad hoc. Dawn jistgħu jinkludu kwistjonijiet li jaffettwaw l-industrija sħiħa tal-istituzzjoni ta kreditu jew parti minnha (bħal kundizzjonijiet makroekonomiċi) jew kwistjonijiet li jaffettwaw istituzzjoni ta' kreditu partikolari (bħal sejbiet waqt it-twertiq ta' proċessi ta' sorveljanza jew proċeduri tal-awditjar, jew każijiet fejn ikunu meħtieġa aktar kjarifiki dwar xi kwistjoni partikolari).
48. Meta tiġi applikata komunikazzjoni fil-fond, għandha ssir laqgħa bilaterali tal-inqas darba fis-sena.

6. Il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri b'mod kollettiv

Prinċipju 7: Il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri b'mod kollettiv għandha tkun frekwenti skont il-ħtieġa biex ikun hemm kondiviżjoni f'waqtha ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet li huma rilevanti għall-kompiti ta' sorveljanza u ta' awditjar statutorju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.

49. L-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri flimkien (b'hal grupp ta' awdituri jew korp professjonali li jirrappreżenta lill-awdituri) għandu jkollhom l-għan li jiżviluppaw fehim komuni tal-iżviluppi attwali u emerġenti rilevanti għall-kompiti ta' sorveljanza u ta' awditjar statutorju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu.
50. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiltaqgħu mal-awdituri b'mod kollettiv tal-inqas darba f'sena u irrispettivament mil-laqqgħat organizzati fuq bażi individwali bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awditur ta' istituzzjoni jew ta' diversi istituzzjonijiet ta' kreditu.
51. Il-komunikazzjoni tista' ssejtni waqt kwalunkwe fażi tal-proċessi ta' sorveljanza jew tal-proċessi tal-awditjar, u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw mal-awdituri dwar jekk il-frekwenza u ż-żmien tal-komunikazzjoni humiex xierqa.
52. L-Anness għal dawn il-linji gwida jipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' oqsma u kwistjonijiet li fuqhom l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri, b'mod kollettiv, jistgħu jikkondividu informazzjoni, skont il-bżonn.
53. Jekk fil-fehma tal-awtorità kompetenti jista' jiffaċilita l-eżerċizzju ta' kompiti ta' sorveljanza, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistiednu awtoritajiet pubbliċi kompetenti oħrajn responsabbli mis-sorveljanza prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jew awtoritajiet pubbliċi rilevanti (b'hal dawk responsabbli għas-sorveljanza tas-swieq finanzjarji jew għas-sorveljanza pubblika tal-awdituri) u assoċjazzjonijiet (b'hal-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-industrija tal-banek, tal-kontabilità jew tal-awditjar) għal dawn il-laqqgħat kollettivi jew jinformaw lil dawn l-awtoritajiet u assoċjazzjonijiet dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet mal-awdituri.

Anness – Oqsma u kwistjonijiet għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri

54. Dan l-Anness jipprovdi lista mhux eżawrjenti ta' oqsma u kwistjonijiet li fuqhom l-informazzjoni tista' tiġi kondiviża bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri ta' istituzzjoni ta' kreditu jew l-awdituri b'mod kollettiv, kif adegwat, meta jiġu applikati dawn il-linji gwida. Dawn il-kwistjonijiet t'hawn taħt huma raggruppati permezz tas-suġġett, irrispettivament mill-fornitur tal-informazzjoni.

L-ambjent estern u l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu

- a. Il-valutazzjoni tar-riskju u l-kamp ta' applikazzjoni: il-valutazzjonijiet tal-awtorità kompetenti u tal-awdituri fid-dawl tal-ambjent estern u l-prestazzjoni, il-mudell tan-negożju, l-istruttura korporattiva, il-konċentrazzjoni tar-riskju u l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu (inkluż kwalunkwe bidla tagħha).
- b. Bidliet fir-regolament.
- c. Bidliet fl-istandards kontabilistiċi u tal-awditjar.
- d. Żviluppi makroekonomiċi li jaffettwaw l-industrija tal-istituzzjoni ta' kreditu.

Governanza korporattiva u kontrolli interni

- a. Il-kultura, il-filosofija, u l-istil operatorju tal-korp governattiv tal-istituzzjoni ta' kreditu (inkluż il-kwalità tal-governanza korporattiva u l-konċentrazzjoni/il-kondiviżjoni tal-poter fost il-membri tal-korp governattiv).
- b. L-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali, il-maniġment għoli jew il-membri tal-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjoni ta' kreditu, jew korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu dwar kwistjonijiet sinifikanti relatati mal-funzjonijiet ta' rappurtar u kontroll finanzjarju (inkluż l-implimentazzjoni ta' bidliet interni strutturali ta' proċessi ta' ristrutturar maniġerjali u organizzattiv).
- c. Ir-rwol tal-kumitat tal-awditjar, jew korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fi ħdan istituzzjoni ta' kreditu, fis-sorveljanza tal-proċess tar-rappurtar finanzjarju.
- d. Il-kwalità tar-relazzjoni tal-kumitat tal-awditjar jew ta' korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu, mal-awdituri.

- e. Osservazzjonijiet dwar kontrolli interni (pereżempju l-opinjoni tal-awdituri dwar id-deskrizzjoni, inkluż fid-dikjarazzjoni ta' governanza korporattiva skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2013/34/UE ⁷, tal-karatteristiċi ewlenin tal-kontroll intern u s-sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu fir-rigward tal-proċessi tar-rappurtar finanzjarju, effettività tal-governanza, l-ambjent tal-kontroll, l-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-kontrolli, il-kwalità tal-funzjonijiet ewlenin ta' kontroll u s-sistemi tal-IT), ir-riżultati tat-testijiet tal-kontroll intern imwettaq mill-awditur u l-konsegwenzi tagħhom għall-approċċ tal-awditjar (pereżempju l-impatt tagħhom fuq il-livell tal-prestazzjoni ta' verifika diretta u l-użu ta' esperti fl-awditjar statutorju).
- f. Nuqqasijiet sinifikanti fil-proċessi ta' kontroll intern (pereżempju dgħjufijiet fil-kontroll tal-materjal identifikati fil-proċessi ta' rappurtar finanzjarju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu) u l-osservazzjonijiet tal-awdituri dwar kwistjonijiet li huma sinifikanti għar-responsabbiltajiet tal-membri tal-korp maniġerjali, il-maniġment għoli jew il-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjoni ta' kreditu jew il-membri ta' korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu, li jissorveljaw id-direzzjoni strateġika tal-istituzzjoni ta' kreditu jew l-obbligi tal-istituzzjoni ta' kreditu relatati mal-kontabbiltà tagħha. Dan jista' jinkludi, fejn rilevanti, l-osservazzjonijiet tal-awditur dwar l-effettività tal-funzjoni tal-awditjar intern, il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju u l-funzjoni ta' konformità (inkluż il-valutazzjoni tar-riskji ta' frodi, speċjalment minħabba d-dgħjufijiet fil-kontrolli interni).

Il-kapaċità tal-istituzzjoni ta' kreditu li tkompli bħala negozju avvjat

- a. Valutazzjoni tar-riskji relatati mal-funzjonament kontinwu ta' istituzzjoni ta' kreditu, inkluż riskji tal-adegwatezza tal-kapital (bħal riskju ta' kreditu, tas-suq u dak operazzjonali u rekwiżit minimu għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli jew MREL), skoperturi kbar, riskji marbuta mal-ingranaġġ, mal-likwidita u mal-finanzjament.
- b. Osservazzjonijiet dwar kwalunkwe qasam ta' riskju potenzjali fir-reputazzjoni u riskju min-nuqqas ta' konformità tal-istituzzjoni ta' kreditu ma' rekwiżiti legali rilevanti (inkluż litigazzjoni attwali jew potenzjali materjali u tilwim legali).

Approċċ tal-awditjar

- a. Il-materjalità fl-ippjanar u t-twettiq tal-awditjar statutorju.
- b. L-użu ta' esperti esterni fl-awditjar statutorju.
- c. L-użu tax-xogħol tal-awdituri interni fl-awditjar statutorju.
- d. L-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi u l-bidliet fihom.

⁷ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p.19).

- e. Sorsi ta' preġudizzju maniġerjali potenzjali.
- f. Oqsma ta' riskju sinifikanti identifikat.
- g. Xogħol speċifiku mwettaq mill-awditur fuq tranżazzjonijiet partikolari (li setgħu jeħtieġu wkoll l-użu tal-esperti).
- h. Diffikultajiet sinifikanti li nqalgħu matul l-awditjar statutorju (inkluż nuqqas ta' ftehim bejn l-awdituri u l-membri tal-korp maniġerjali, tal-maniġment għoli jew tal-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jew membri ta' korp li jwettqu l-istess funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu).
- i. Ċirkustanzi li wasslu għal bidla sinifikanti fl-ippjanar tal-awditjar.

Dikjarazzjonijiet finanzjarji, stima tal-assi u l-obbligazzjonijiet u d-divulgazzjonijiet

- a. Fehmiet u ġudizzji dwar oqsma ewlenin ta' riskju u suppożizzjonijiet, inkluż tranżazzjonijiet u valutazzjonijiet sinifikanti (pereżempju fl-oqsma tal-istima ta' provvediment ta' telf mis-self u valutazzjoni tal-istrumenti finanzjarji).
- b. Prattiki u oqsma kontabilistiċi li jinkludu grad sinifikanti ta' inċertezza ta' stima (pereżempju l-oqsma ta' stima tal-provvediment ta' telf mis-self u l-valutazzjoni tal-istrumenti finanzjarji).
- c. Stimu kontabilistiċi kritiċi u indikazzjonijiet tal-preġudizzju tal-maniġment:
 - i. fejn istituzzjoni ta' kreditu kontinwament tuża valutazzjonijiet li juru mudell ta' ottimiżmu jew pessimiżmu fi ħdan firxa ta' valutazzjonijiet aċċettabbli jew indikazzjonijiet oħrajn ta' preġudizzju possibbli tal-maniġment, jew
 - ii. fejn istituzzjoni ta' kreditu twettaq tranżazzjonijiet biex tikseb riżultat kontabilistiku jew regolatorju partikolari, b'tali mod li t-trattament kontabilistiku jew regolatorju jkun teknikament aċċettabbli, iżda li jfixkel is-sustanza tat-tranżazzjoni.
- d. Dikjarazzjonijiet skorretti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji (korretti u skorretti) identifikati matul l-awditjar statutorju u l-evalwazzjoni tagħhom mill-awdituri.
- e. Adegwatezza u affidabbiltà tad-divulgazzjonijiet fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji fid-dawl tar-rekwiżiti tar-rappurtar statutorju u r-riskji, tranżazzjonijiet, ġudizzji u suppożizzjonijiet diskussi fil-laqgħat attwali u preċedenti.

Ir-rapport tal-awditjar u l-komunikazzjoni tal-awdituri mal-korp maniġerjali, il-maniġment għoli jew il-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjoni ta' kreditu, jew ma' korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu, dwar kwistjonijiet sinifikanti relatati mar-rappurtar finanzjarju u l-funzjonijiet ta' kontroll

- a. Ir-rapport tal-awditjar imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 537/2014.
- b. Rapport addizzjonali għall-kumitat tal-awditjar imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 537/2014.

Is-sejbiet ewlenin tal-proċeduri tal-awditjar imwettqa u l-konklużjonijiet

- a. Il-kwistjonijiet identifikati matul l-awditjar statutorju u kkomunikati lill-korp maniġerjali, il-maniġment għoli jew il-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjoni ta' kreditu jew korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu, bħal nuqqasijiet fil-kontroll intern li fil-ġudizzju professjonali tal-awdituri jistħoqqilhom l-attenzjoni tal-maniġment.
- b. Kwistjonijiet sinifikanti li ġew diskussi b'mod intensiv mal-korp maniġerjali, mal-maniġment għoli jew il-kumitat tal-awditjar tal-istituzzjoni ta' kreditu jew korp li jwettaq l-istess funzjonijiet fi ħdan l-istituzzjoni ta' kreditu.

Valutazzjonijiet ta' sorveljanza u azzjonijiet

- a. Miżuri ta' sorveljanza imposti fuq istituzzjoni ta' kreditu.
- b. Kwistjonijiet li jirriżultaw minn valutazzjonijiet u reviżjonijiet riċenti tar-riskju superviżorju li huma speċifiċi għall-istituzzjoni (bħal matul il-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorja, jew SREP⁸).
- c. Riżultati ta' reviżjonijiet tematiċi u reviżjonijiet bejn il-pari mwettqa mill-awtorità kompetenti fl-industrija tal-istituzzjoni ta' kreditu.
- d. Osservazzjonijiet li jirriżultaw minn rappurtar regolatorju tal-istituzzjoni ta' kreditu, inkluż il-kapital regolatorju.
- e. Konformità ma' rekwiżiti legali u prudenzjali rilevanti.

Oħrajn

- a. Kwistjonijiet diskussi fi snin u laqgħat preċedenti, jekk jitqiesu li għadhom rilevanti.
- b. Kwistjonijiet relatati mal-ħatra, it-tibdil, mas-sensja jew ir-riżenja tal-awditur maħtur biex iwettaq l-awditjar statutorju.
- c. Kwistjonijiet addizzjonali li jirriżultaw mill-awditjar statutorju, bħal kwistjonijiet li jirriżultaw minn rekwiżiti eżistenti jew ġodda pprovdu fil-liġi tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali.

⁸ Linji Gwida tal-EBA (EBA/GL/2014/13) maħruġa f'konformità mal-Artikolu 107(3) tad-Direttiva 2013/36/UE.

- d. Rispons dwar il-kwalità tal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri u modi biex titjeb il-komunikazzjoni.